# Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **37** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tlieta 26 ta' Ġunju 2012 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal għal-laqgħa fis-6.00p.m)<br>Is-Sur John B. Camilleri (daħal għal-laqgħa fis-5.50p.m) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 35 u 36.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 35(1) tat-23 ta' Mejju 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

1.2 **Laqgħa Nru 36(1) tal-20 ta' Ġunju 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 35(1) tat-23 ta' Mejju 2012:**

Ma kienx hemm punti.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għall-laqgħa fis-5.50p.m.***

2.2 **Laqgħa Nru 36(1) tal-20 ta' Ġunju 2012:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li f'paġna 10 punt 10.6 kien hemm żball għaliex il-prezz huwa ta' €25 fix-xahar u mhux €25 kulljum.

Il-Kunsill qabel unanimament rigward din l-emenda.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Zebra Crossing (35/3413/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Zammit qed jissuġġerixxi li ż-*zebra crossing* li tinsab fi Pjazza Dun Tarċis Aguis għandha titressaq xi diversi metri lejn in-naħa tad-dar ta' Bianco.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din mhux possibli minħabba li hemm il-*bus stop* faċċata u għaldaqstant ma jingħatax permess mit-TM.

3.2 **Online Streaming and ECOUNCIL 4U (35/3267/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta stima rigward l-*online streaming*. Huwa kompla jispjega illi sabiex jiġi nstallat l-*hardware* ser jiswa €1,100 u din hija spiża ta' darba, filwaqt biex ikun hemm l-*internet connection* u minimu ta' 30 siegħa fis-sena jiswa €1,100, huwa qal ukoll li hemm il-fakulta illi wara li jispiċċaw dawn is-siegħat jinxtraw 5 siegħat bil-prezz ta' €150 jew 10 siegħat bil-prezz ta' €250.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li mill-inqas il-Kunsill għandu bżonn madwar 50 siegħa.

Is-Sindku wieġbu illi jekk noqgħodu aktar attenti madwar 40 siegħa jkunu biżżejjed.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar daħal għall-laqgħa fis-6.00p.m.***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk nistgħux ninnegozjaw il-prezz għal 50 siegħa

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk il-prezz jinkludiex li ssir il-*link fil-website* tagħna.

Il-Kunsill qabel unanimament illi peress li din il-leġislatura waslet kważi fit-tmiem taghha allura għandna nieħdu l-minimu offerta ta' 30 siegħa u mbagħad niddeċiedu wara fil-każ ta' aktar siegħat.

3.3 **San Tumas Tower Works Marsaskala (35/3780/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti illi l-problema tal-arbli tad-dawl fi Triq Il-Qaliet ġiet solvuta u għadna qed nistennew sabiex nirċievu stima orħos tal-arbli u dan wara li l-Kunsill kien ikkontesta l-ewwel stima li ntbagħtet mill-Enemalta. Il-Kunsill fil-fatt kien biddel il-pożizzjoni ta' 7 arbli u mhux akatr. Huwa kompla jgħid li qed nitolbu lil PPCD sabiex tidħol fil-*costings* tal-proġett ta' l-ERDF 212 u qed nistennew risposta mingħandhom. L-istima finali għada ma nħadmitx iżda l-Kunsill kellu joħroġ depożitu inizjali.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-*cable* jrid jiġi parti mill-istima, huwa kompla jgħid li madwar it-torri hemm tlett arbli li jridu jiġu mċaqalqa ukoll u anke għandha tissewwa l-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandna bżonn ir-rata tal-Kuntrattur għax mhux ser tiġi aċċettata mill-PPCD u dan ifisser li nridu nħallsu l-ispiża aħna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Ing. Portelli nfurmah li jrid isir *armoured cable* fil-każ ta' ħdejn it-Torri San Tumas u dan jiswa ħafna flus.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għadna ma nafux jekk hux ser nużaw l-istess *cable*, l-importanti huwa li l-*cable* jitneħħa qabel ma jibda x-xogħol ħalli ma nagħmlux ħsara u jkollna nbiddluh.

Kien hemm qbil ananimu dwar dan kollu.

3.4 **Computer Quote:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera li rridu nixtru kompjuter minħabba s-sistema tas-*software* għaliex iridu jiġu nstallati tlett tipi ta' *software* differenti biex ikun jista jiġi nstallat s-*software* tal-permessi. Dan il-kompjuter se jiġi mqabbad dirett mas-*server.*

Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dan il-kompjuter.

3.5 **Tower Cranes:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li għalkemm kien bagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadu ma ngħatax risposta.

3.6 **Messaġġ – Banda Sant'Anna (35/3535/12/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bil-komunikazzjoni li kellu mal-Għaqda tal-banda tal-lokal minħabba l-fatt li l-prezz li qed jitolbu sabiex idoqqu f'Jum Marsaskala jaqbeż id-*direct order* u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax iqabbad lill-banda sabiex iddoqq bl-istima li tawna.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li din il-problema ġrat is-sena l-oħra u anke ġejna nvestigati mid-Dipartiment wara ittri anonimi li ntbgħatu u l-istess każ ukoll ġie riferut għall-attenzjoni ta' l-Awdituri li kienu nvestigaw il-każ ukoll.

Kien hemm diskussjoni sabiex nippruvaw nagħmlu xi ħaġa differenti forsi nkunu nistgħu nnaqqsu l-ispiża tal-banda għaliex inkella se jkollna noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mal-Għaqda Mużikali Sant'Anna sabiex jintlaħaq ftehim.

3.7 **Attivitajiet għal-Ftuħ tal-Bandli Mifsud Bonnici:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi il-ftuħ tal-bandli il-ġdid ta' Pjazza Mifsud Bonnici ser isir nhar il-21 ta' Lulju 2012, huwa kompla jgħid li qed nippruvaw inġibu *jazz band* u nqassmu xi pakketti tal-ħelu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issuġġerixxa li minflokk jitqassmu l-ħelu nippromwovu *healthy eating.*

Il-Kunsill qabel unanimament li nippruvaw naghmlu *healty eating stands.*

3.8 **Kamping wara l-pixxina (35/3500/35/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex isir kamping il-ġewwa mill-ponta ta' Żonqor li jiġi wara l-pixxina minn Ġunju sa Settembru.

3.9 **Bini fuq ix-xatt in-naħa ta' Żonqor:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li nħareġ il-permess min-naħa tal-MEPA rigward bini fuq ix-xatt in-naħa taż-Żonqor għal *diving centre*, saret laqgħa maċ-Chairman tal-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa ta' l-ideja illi tinbagħat ittra lill-Awditur tal-MEPA sabiex jiġi nvestigat dan il-każ skond il-parir li ngħata lilna wkoll mingħand is-Sinjura A.Vella.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa minnhu li l-permess ħareġ pero`, wieħed jista` jara l-qerda li qed issir tal-blat.

Is-Sindku qal li waqt is-seduta ċ-Chairman infurmah illi kien hemm 2 kmamar legali u waħda illegali. Huwa kompla jgħid li konna bagħatna lill-Lands sabiex jiċċekjaw ukoll il-permessi neċessarji.

Il-Kunsill approva unanimament li nibgħatu ittra lill-MEPA biex issir laqgħa fuq il-post.

3.10 **Leave tas-Sinjura Rebecca Micallef:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsillieri li l-impjegata s-Sinjura Rebecca Micallef qed tapplika għal-*leave* mit-3 ta' Settembru 2012 sad-9 ta' Novembru 2012, *maternity leave* mit-12 ta' Novembru 2012 sal-15 ta Marzu 2013 u wara *career break* mit-18 ta' Marzu 2013 sal-5 ta' Ottubru 2015.

Il-Kunsill approva unanimament.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li qabel mas-Sinjura Rebecca Micallef toħroġ bil-*leave* għandna noħorġu fuljett ieħor.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ningħataw peress għal-sejħa ta' *part timer.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li nridu noqgħodu attenti illi wara li jgħaddu tlett snin ma tiġiex awtomatikament *full timer.*

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.11 **Kuntratt tal-Latrini Pubbliċi (35/3654/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi d-Dipartiment għat-tindif u l-manutenzjoni tal-latrini tawna permess sabiex is-servizz tagħhom ikompli fis-seħħ sa l-aħħar ta' Settembru 2012 u għaldaqstant irridu noħorġu tender ieħor matul is-sajf. Huwa ppreżenta kopja ġdida ta' l-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda fejn is-serviżż tnaqqas u spjega fid-dettal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa li l-kuntratt isir għal-sena u jiġġedded minn sena għal oħra għal massimu ta' tlett snien u li kien se jiċċekja mal-kuntratti ta' Kunsilli Lokali oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ħinjiet tal-ftuħ tal-latrini li huma bbażati fuq il-minimu. Huwa spejga li l-latrini kollha fis-sajf mit-Tnejn sal-Ħadd jinfetħu mit-8.00a.m sal-11.00p.m u fix-xitwa il-Latrini kollha jinfħethu mit-Tnejn sal-Ħadd mis-7.00a.m sas-6.00p.m minbarra ta' Pjazza Dun Tarcis Aguis li mil-Ġimgħa sal-Ħadd tinfetaħ mis-7.00a.m sat-8.00p.m fix-xitwa.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12 **Replacement locks (35/3693/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minħabba l-kundizzjoniet li jinsabu fihom il-*bins* u li hemm 17 il-*bin* li *lock* tagħhom m'għadux jaħdem u ma jistax jinbidel hu l-kumpanija SR Servies offrewlna 25 *bin* ġdid sabiex jiġu mibdula s-17 il-*bin* li għandhom il-*lock* ħażin. Apparti dan offrewlna wkoll żebgħa sabiex napplikawa aħna fuq il-*bins*. Il-kumpanija offrit li l-Kunsill iħallas għax-*shipping* li jammonta għal €500 esklużi il-VAT u €40 għal kull *bin* bħala nstallazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi il-*preventative maintenance* jrid jsir kull tlett xhur.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li bix-*shipping* u bl-*installation* ser jiswewna daqs li kieku nixtruhom mill-ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa ta' l-opinjoni li tax-*shipping* ma nħallsux.

Is-Sindku qal li aħna ħallasna flus tajba u allura nipretendu prodott tajjeb..

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li meta tikkonsidra li dawn issaddu f'inqas minn sentejn x'garanzija għandna li jekk nixtru l-ġodda mhux ser isaddu wkoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm fit-*tender* m'hemmx imniżżla l-garanzija, pero` xorta hemm il-garanzija kummerċjali.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lis-*SR Service* u ninfurmawhom illi aħna bħala Kunsill aderixxejna il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u anke sar ħlas fil-pront u għaldaqstant nippretendu li l-prodott kien skond l-aspettattiva mistennija.

3.13 **Progress fi Pjazza Mifsud Bonnici u l-problema tal-kamra ta' l-apparat:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-problema li kienu qed jinqalgħu ma' xi stabbilimenti tal-ħwienet li jinsabu ġol bandli fejn kien hemm minn ried il-l-kamra tiġi mressqa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-kamra mhux possbili tiġi mressqa peress li hemm il-komunikazzjonijiet kollha.

3.14 **Litter Bins fil-Bandli Mifsud Bonnici:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li peress li ħarġet il-*legal notice* illi ma jistax isir tipjip ġo postijiet pubbliċi fejn hemm apparat tat-tfal għaldaqstant il-*bins* bl-*ashtray* skond kif ġew provduti fit-*tender* li kienu jiswew €295 ser jiġu mingħajr *ashtray* u ser jiswew €225 u jiġu nstallati *ashtray bins* kull fejn entratura għal-bandli.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa rigward il-materja.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dawn il-*bins* huma tal-ħadid u hu mar jarahom personalment.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.15 **Manutenzjoni fuq ir-rubber flooring ta' Ġnien David Vella:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-MQuipp bagħtulna kwotazzjoni sabiex jiġi irranġat r-*rubber flooring* ta' Ġnien David Vella li jammonta għal €212.40.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jiġi irranġat ir-*rubber flooring*.

3.16 **Rigward il-Kuntratt miftiehem mal-MEPA dwar il-UIF ta' Pjazza Mifsud Bonnici:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li skond il-kuntratt bejn il-Kunsill u JGC l-ewwel pagament jitħallas wara li jitwettaq 30% u l-pagament ta' wara isir wara li jitlestew ix-xogħolijiet fejn jiġi mħallas 60% oħra filwaqt l-10% jitħallsu lill-kuntrattur fi żmien sena mit-tlestija tal-proġett.

Is-Segretarju Eżekuttiv rrifera lill-Kunsill li skond il-ftehim mal-MEPA għall fini tal-pagamenti, il-kuntratt huwa differenti. Il-ħlasijiet fil-fatt isiru wara li jitwettaq 15% tal-proġett, 50% tal-proġett u l-kumplament jitħallsu malli jitwettaq il-proġett kollu u ssir ċertifikazzjoni mill-Perit u jiġu sottomessi r-rapporti kollha.

Għaldaqstant iktar ma l-Kunsill idum biex iħallas, iktar se jdum biex jitħallas. Il-Kunsill bi qbil unanimu iddeċieda li għandna nimxu mal-kuntratt li għandna mal-MEPA u dan jekk il-kuntrattur mqabbad mill-Kunsill jaqbel ukoll. Jekk il-kuntrattur jaqbel, għandu jħalli l-garanzija bankarja għal sena wara li jitwettaq il-proġett.

Il-Kunsill qabel unanimamanet mal-persentaġġi ta' ħlasijiet skond ill-ftehim tal-MEPA.

❖ ***Is-Sindku is-Sur Mario Calleja ħareġ mill-laqgħa fit-8.00p.m. u kompla jmexxi s-seduta il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud.***

3.17 **Pubblikazzjoni ta' 5400 ktejjeb ta' Elisabeth Cassar:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-distributuri tal-fuljett qed jitolbuna sabiex jiġu ppublikati aktar ammonti ta' kotba maħruġa mill-Kunsill minħabba li mhux qed ikun hemm biżżejjed.

Il-Kunsillier fis-Sur John B. Camilleri qal li huma joqgħodu attenti illi ma jitqassmux fuljetti jew xi pubblikazzjoni oħra bla bżonn.

Il-Kunsill qabel unanimament li jiġu ippublikat 5500 ktieb u li anke fil-każ ta' *magazine* għandna nibdew noħorġu dawn l-ammonti.

❖ ***Sospensjoni tar-Regolamenti.***

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier Lawrence Ciantar staqsa rigward pagament #1606 ta' Dr. J Buhagair jekk hux qed jipprovdilna r-rapporti neċessarji.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li għalkemm tlabnieh diversi drabi, għadu ma ġabilniex r-rapporti neċessarji.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa ċert li x-xogħol qed isir iżda huwa mportanti illi r-rapporti jiġu preżentati.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mill-laqgħa fit-8.15p.m.***

❖ ***Sospensjoni tar-Regolamenti.***

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.18 **Memo 26/2012 - Car Free Day 2012(35/3757/1/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma nieħdux sehem f'din l-attivita`.

3.19 **Kuntratt iffirmat mal-Kumpanija KAP Services:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi fil-laqgħa nru 35 ġie approvat l-agreement mal-Kap Services sabiex isiru r-riklami ma 30 stainless steel bins u 40 barriers li għandna madwar il-promenade għal-prezz ta' €750.00. Huwa kompla jgħid illi fil-fatt hemm 50 barrier u għaldaqstant din il-kumpanija ser tħallas €900.00 għal sena u dan wara li s-Segretarju Eżekuttiv kien analizza l-kontenut tal-kuntratt qabel ma ġie iffirmat.

Il-Kunsill qabel unanimament u qabel ukoll illi is-sena d-dieħla tinħareġ expression of interest għal min hu nteresat illi jużaw il-bye law li għandna fuq l-istreet furniture.

4.0 **Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:**

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni illi fil-laqgħa 35 għaddejna pagament #1544 u dan il-pagament kien diġa ġie approvat fis-seduta 33 #1451.

Il-Kunsill qabel unanimament illi pagament #1544 tas-seduta 35 jiġi kkanċellat

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera illi f'din seduta il-pagamenti għal-Koperattiva Tabelli u Sinjali jammonta għal madwar €9,000.00. Huwa kompla jgħid illi il-flus allokati fil-*budget* sabiex isiru tabelli u sinjali kważi ġie utilizzat kollu u dan meta tikkonsidra illi diġa hemm xogħolijiet li saru li għadhom ma nħarġux il-pagamenti tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsilliera sabiex ma jsirux mozzjonijiet jew talbiet għal tabelli u sinjali sakemm ma jkunux ta' natura urġenti peress illi l-*budget* allokat ġie eżawrit kollu.

4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq il-pagamenti tal-EUPA.

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga illi l-Kunsill kien irċieva fondi sabiex ikunu l-organizzaturi ta' dan il-proġett, huwa kompla jispjega li dan il-proġett qed jieħu ħsiebu kompletament is-Sur Mark Causon peress li s-Segretarju Eżekuttiv qed jieħu ħsieb żewġ proġetti kbar. Huwa kompla jispjega illi kien qal lis-Sur Mark Causon biex dejjem iġib kwotazzjonijiet u tintgħażel l-orħos waħda skond kif kienu spjegaw tal-EUPA.

- Il-Kunsilliera preżenti talbu sabiex issir laqgħa mas-Sur Mark Causon sabiex jispjegalhom fuq il-progress tal-proġett tal-Gal Xlokk. Is-Segrtearju Eżekuttiv spjega li l-applikazzjoni sottomessa mil-Kunsill kellha xi żbalji u tajjeb li dawn l-affarijiet kellhom jiġu ċċarati mal-GAL. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ukoll li l-finanzi tal-proġett mhumiex ser jingħataw minn qabel skond kif kien miftiehem iżda se jingħataw wara. Dan ifisser li se jaffetwaw drastikament il-*cash flow* tal-Kusnill minħabba li bħalissa għaddej proġett kbir tal-UIF fejn il-Kunsill irid joħroġ il-flus u mbagħad jiġi rifuż.

5.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

6.0 ***Mozzjonijiet:***

6.1 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (#342 – 31/5/12):**

*"Jipproponi sabiex ninstallaw bellishia lights fuq zebra cross ta' qudiem il-latrina ta' taħt il- knisja".*
*Il-Kunsill approva unanimament.*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

6.2 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#343 – 4/06/12):</u>**

*"Jipproponi biex nibdew naħsbu lil min ser nagħżlu għall-Ġieħ Marsaskala ".*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex kullħadd jressaq il-proposti tiegħu

6.3 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#344 – 4/06/12):</u>**

*"Jipproponi biex issir traffic calmer fil-bajja ta' San Tumas qabel ma jmut xi ħadd. Issir fil-bidu ħdejn l-ex restorant Fisherman's rest".*

Il-Kunsill approva unanimament sabiex nitolbi lit-Transport Malta għall-approvazzjoni.

6.4 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Fearne (#345 – 14/06/12):</u>**

*"Tipproponi li jsir xi dawl fi Triq tal-Gardiel ħdejn l-Ambika Confectionery fil-parti li mhiex mibnija li qed tiġi wżata mir-residenti bħala passaġġ għal ħdejn tal-Lay Lay ".*

Il-Kunsill approva unanimament li jekk hemm arblu viċin titwaħħal bozza.

6.5 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Fearne (#346 – 14/6/12):</u>**

*"Tipproponi li fil-promenade jinqalgħu s-siġar li mhumiex palm (minħabba l-estetika) u jinbiddlu mal-palm u jsiru wkoll palm ġodda fejn hemm bżonn ".*

Il-Kunsill approva unanimament illi l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri jġib kwotazzjoni minn Għawdex.

6.6 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#347 – 15/6/12):</u>**

*"Jipproponi inwaħħlu lampa ġdida San Tumas fi trejqa ta' Rumi. Pjanta annessa".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

6.7 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sur Charlot Mifsud (#348 - 25/6/12):</u>**

*"Jipproponi sabiex il-biċċa ta' Triq tal-Gardiel quddiem "ta' Pace", issir kisja tarmak għax qed tkun ta'periklu kemm għas-sewwieqa kif ukoll għan-nies li jkunu għaddejien".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

7.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:</u>***

Ma kienx hemm informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.

➢ ***<u>Permessi għal-festa:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera sabiex noħorġu l-permessi tal-gabbani għall-festa.

Il-Kunsill qabel unanimament li joħorġu il-permessi bħas-sena li għaddiet.

11.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.45p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku